MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2006

Numru. 9/2005

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**V**

**CARMEL VELLA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CARMEL VELLA** ta' sebgha w erbghin sena bin Joseph u Mary nee Haber imwieled x-Xewkija, Ghawdex nhar l-ewwel ta' April 1957 u residenti 'Euli', Triq t-Torri Gorgun, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 22157G gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar d-disgha ta' Jannar 2005 ghal habta tas-siegha w ghoxrin ta' wara nofsinhar, fil-korsa taz-zwiemel sitwata fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex:

1. Ingurja u/jew hedded u/jew ghhamel offiza fuq il-persuna ta' PS 1450 Mario Rotin u PC 510

William Said, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi, fl-esekuzzjoni ta' dan s-servizz;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 1450 Mario Rotin u PC 510 William Said, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond l-ligi mill-awtorita kompetenti;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, m'obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PS 1450 Mario Rotin u PC 510 William Said, ufficjali nkarigati minn servizz pubbliku u/jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor bla jedd, indahal fi dmirhom billi ma hallihomx jaghmlu dak li b'ligi jkunu ordnati li jaghmlu;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, kiser voluntarjament l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat d-dokumenti kollha esibiti, fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tmienja ta' Marzu 2006 [fol 19] immarkat bhala dokument CSH 3 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din l-kawza, tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta mill-ezami tal-imputat ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar d-disgha ta' Settembru 2005 [fol 20].

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-ewwel ta’ Gunju 2006 [fol 41].

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-disgha ta’ Settembru 2005 **xehed PS 1450 Mario Rotin** [fol 21] fejn spjega li nhar d-disgha ta’ Jannar 2005, ghal habta tas-siegha w nofs ta’ wara nofsinhar, huwa kien xoghol fil-korsa taz-zwiemel fil-limiti tax-Xewkija, f’post maghruf bhala Tax-Xhajma.

Spjega kif kien hemm parti riservata fejn jinzammu z-zwiemel u l-gerrejja qabel ma johorgu ghat-tigrija, liema post huwa riservat ghal dawk in-nies biss.

Gara li l-imputat mar hemm bil-vettura w insista li jidhol f’dak il-post flimkien ma missieru u zewgt uliedu minuri.

Ikkonferma li missier l-imputat huwa ragel anzjan w ghalhekk qallu li setgha jidhol b’missieru, pero bla tfal u meta qallu hekk, l-imputat nizel mill-vettura tieghu u mar biex jahbat ghalih. In-nies zammewh milli jaghmel ghalih, u hareg barra l-*gate* u qaghad hemmhekk jinsulentah l-hin kollu u jghidlu kliem bhal li “hu mejjet bil-guh” u “jarmi l-flus mal-art”. Beda jheddu li kien ser isibu x-xatt. Qal li kieku ma giex mizmum minn nies, kien iwegghu.

Ix-xhud spjega li kien fil-kumpanija ta’ PC 510 William Said, u wara xi hin marru wkoll xi pulizija ohra.

Mistoqsi minn zamm lil imputat, ix-xhud qal li kienu l-aktar nies mill-kumitat. Mistoqsi jekk dakinhar, l-imputat urih xi pass biex jidhol, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

Qal wkoll li wara xi hin, gie l-Ispettur fuq il-post u hallih jidhol w ghalhekk deherlu li kien zejjed fuq il-post u telaq lejn r-Rabat. Mistoqsi jekk sabbatx il-beritta tieghu, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

Illi nhar d-disgha ta’ Settembru 2005 **xehed PC 510 William Said** [fol 25] w ikkonferma dak li qal PS 1450 Mario Rotin fis-sens li kien mieghu fil-*paddock*. Qal li f’xi

hin gie l-imputat bil-vettura tieghu b'missieru u zewgt itfal fiha u li PS 1450 Mario Rotin mar jghidlu li ma setghax jidhol fil-*paddock* bit-tfal. Spjega li l-imputat l-ewwel hareg t-tfal mill-vettura u mill-*paddock*, w imbaghad, beda jghajjat, jidghi u jistieden lil PS 1450 Mario Rotin ghal glied. Beda jheddidhom u jghidilhom li kien ser isibhom x-Xatt w jpattihilhom. Beda jghajjarhom "bahnana" u li tghajjar flusu mal-art. Ikkonferma li stieden lis-Surgent ghal glied pero ma gewx fl-idejn. Qalilhom "*Ejjew ha niggieldu*."

Illi nhar d-disgha ta' Settembru 2005 **xehed PC 1376 Martin Muscat** [fol 27] fejn ikkonferma li hu wkoll kien fil-korsa dakinhar tad-disgha ta' Jannar 2005 meta mar l-imputat w insista maghhom biex is-Surgent ihallih jidhol bil-vettura b'uliedu u missieru. Qal li sema lil imputat jinsulenta PS 1450 Mario Rotin u PC 510 William Said. Mistoqsi jghid jekk rax lil imputat ihebb ghal PS 1450 Mario Rotin u PC 510 William Said, ix-xhud wiegeb li rah ihebb ghal PS 1450 Mario Rotin b'certa rabbja ghalkemm fl-ebda hin ma messu.

Illi nhar d-disgha ta' Settembru 2005 **xehdet WPS 50 Miriam Attard** [fol 28] fejn spjegat kif hija giet mitluba taghti l-assistenza lil PS 1450 Mario Rotin nhar d-disgha ta' Jannar 2005 ghal habta tas-siegha w nofs ta' wara nofsinhar fil-korsa taz-zwiemel. Spjegat li rat lil imputat jghajjar lil PS 1450 Mario Rotin u jghajjru kliem bhal '*bahnan*' kemm il-darba. Qallu l-kliem wkoll '*ha nsibek x-xatt w impattihilek*'. Ikkonfermat li PS 1450 Mario Rotin baqa ma qal xejn lil imputat.

Mistoqsija jekk tafx fuq x'hiex kien l-incident, ix-xhud wiegbet fl-affermattiv u qalet li l-imputat xtaq jidhol fil-*paddock* b'missieru u l-puliziija ma hallewhx.

Illi nhar d-disgha ta' Settembru 2005 **xehdet Dottor Justyne Caruana** [fol 29] fil-kapacita taghha ta' President tal-Gozo Horse Racing Association. Spjegat li biex bniedem jidhol fil-*paddock*, irid jkollu xi biljett mill-kumitat tal-Assocjazzjoni. Fil-fatt hija esibiet tlett tipi ta' biljetti li l-kumitat johrog. Spjegat li l-imputat ghandu permess mill-

kumitat biex jidhol fil-*paddock* b'missieru u li effettivament ghandu biljett pero mhux biex idahhal lit-tfal. Ikkonfermat pero li dakinhar tad-disgha ta' Jannar 2005, hija ma kientx presenti ghal incident.

Illi nhar d-disgha ta' Settembru 2003 **xehed l-Ispettur Maurice Curmi** [fol 30] fejn qal li dakinhar tad-disgha ta' Jannar 2005, huwa kien ircieva messagg li l-pulizija li kien hemm mal-korsa, kellhom bzonn l-assistenza tieghu w ghalhekk minnufih mar hemmhekk. Hemm sab tlett pulizija mal-gate tal-korsa u lil imputat fil-karozza tieghu barra l-*gate* jipprova jidhol. Spjega li sakemm wasal hu, s-sitwazzjoni kienet wahda kalma u hadd ma kien qed jghid xejn.

Huwa ra lil imputat u hallieh jidhol fil-*paddock* minghajr tfal pero b'missieru fil-vettura. Dak l-hin s-Surgent ha ghalih ghax ma tahx wenz fid-decizjoni tieghu u telaq lil hemm. Ix-xhud spjega li sa dak l-hin, x'kien ezatt l-argument kien ghadu ma jafx.

**L-imputat Carmel Vella xehed** minn jeddu b'mod voluntarju nhar l-ewwel ta' Gunju 2006 [fol 41]. Spjega li l-argument li kellu dakinhar mas-Surgent kien dwar il-fatt li huwa xtaq jidhol hdejn il-korsa taz-zwiemel ghaliex dilettant taghhom w is-Surgent zammu milli jidhol ghalkemm huwa kellu permess mill-kumitat.

L-imputat stqarr li s-Surgent oggezzjona mieghu, peress li kellu zewgt itfal minuri rekbin mieghu. Huwa ghalhekk nizzel t-tfal izda nonostante dan, s-Surgent xorta ma hallihx jidhol fil-korsa. Wara xi hin gew xi membri tal-kumitat u l-pulizija li jkun mal-gate u hallewh jidhol. Huwa cahad li hebb ghal xi ufficjal jew li ghamel xi kuntatt fiziku. Qal li kull ma ghamel kien li fetah l-bieb tal-karozza u nizzel sieq wahda. L-Ispettur wasal fuq il-post u hallih jidhol wkoll. Dak l-hin s-Surgent telaq lil hinn. Zied jghid li hu ma heddidtx lis-Surgent, fl-ebda hin.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ewwel ta’ Gunju 2006, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel [1], t-tielet [3] w r-raba [4] akkuza w ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m’ghandhix triq ohra salv li ssibu hati taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghal dawn t-tlett akkuzi u wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-ewwel [1], t-tielet [3] w r-raba [4] akkuza kif dedotti kontra tieghu.

Illi ghalhekk hija biss l-akkuza dwar hebb u vjolenza fuq ufficjali pubblici u cioe t-tieni [2] akkuza li din il-Qorti trid tindirizza, u dan ai termini tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi **l-artkolu 96 tal-Kodici Kriminali jghid** illi:

“96. Kull min jattakka jew jaghmel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond l-ligi mill-awtorita kompetenti, jehel meta jinstab hati…”

Il-**Professur Sir Anthony Mamo** fin-***Notes on Criminal Law*** jghid illi:

*“This crime in its simple form consists in an attack or resistance by violence or active force [vie di fatto], not amounting to public violence, against a personlawfully charged with a public duty, while acting in execution of the law or of a lawful order of the competent authority.”* [op. cit. Ibid. pagna 47]

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Lawrence Attard** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnax ta' Settembru 1996*** intqal li:

*"Biex jissusisti dan r-reat, irid ikun, hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni, ossia resistenza, kontra persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku [f'dan il-kaz pulizija], izda wkoll, li dan l-attakk jew resistenza, issir bi vjolenza jew b'hebb, u jsir, filwaqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-awtorita kompetenti. Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun gia arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qed jezegwixxi l-ligi."*

Illi dan l-artikolu tal-ligi [artikolu 96 tal-Kap 9] gie definit u spjegat fis-sentenza magisterjali tal-***Qorti tal-Appell Kriminali*** moghtija ***fis-sitta w ghoxrin ta' Jannar 1999*** **fl-ismijiet Il-Pulizija v Stephen Borg**, fejn intqal li:

*"… ir-reat kontemplat fl-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali gie ezaminat, ghal dak li jirrigwarda l-elementi rikjesti ghall-kostituzzjoni tieghu, f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti kif ukoll tal-Qorti Kriminali meta din ta' l-ahhar kienet tisma' appelli mid-decizzjonijiet tal-Qrati Inferjuri. Fost dawn is-sentenzi wiehed jista' jsemmi s-segwenti:* ***Il-Pulizija v. Gunner Antonio Cordina R.M.A. et.****, 23/8/41, Kollezz. Deciz. XXXI.iv.415;* ***Il-Pulizija v. Anthony Attard et.****, 1/7/46, XXXII.iv.1011;* ***The Police v. Alfred W. Luck et.****, 25/4/49, XXXIII.iv.870;* ***The Police v. Leslie Hewitt****, 30/6/49, XXXIII.iv.917;* ***Il-Pulizija v. Carmel Abela****, 14/11/49, XXXIII.iv.973;* ***Il-Pulizija v. Joseph Formosa****, 25/3/50, XXXIV.iv.959;* ***Il-Pulizija v. Pawlu Bartolo****, 31/5/50, XXXIV.iv.978;* ***Il-Pulizija v. Victor Galea et.****, App. Krim. 20/6/85;* ***Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed****, App. Krim. 3/11/95;* ***Il-Pulizija v. Lawrence Attard****, App. Krim. 12/9/96; u* ***Il-Pulizija v. Mario Cuschieri****, App. Krim. 17/10/97."*

L-Artikolu 96 jirrikjedi li l-attakk jew ir-resistenza *tkun "bi vjolenza jew b'hebb*". Hija din l-espressjoni – "*bi vjolenza jew b'hebb*" -- li tat lok ghal mhux ftit diskussjoni kemm fil-gurisprudenza kif ukoll fost il-guristi.

Qabel l-Edizzjoni Riveduta tal-1942 tal-ligijiet ta' Malta, fejn allura t-test tal-ligi kien bit-taljan u bl-ingliz, l-espressjoni uzata kienet "*per violenza o per via di fatto*":

*"In caso di attacco o resistenza con violenza o per via di fatto, ma che non avesse i caratteri di violenza pubblica...."*

U t-test ingliz tal-artikolu in dizamina (li allura kien l-Artikolu 95) kien jaqra hekk:

*"In the case of attack or resistance with violence or active force, not amounting to public violence....".*

L-espressjoni "*via di fatto*" kienet uzata wkoll, ghalkemm fil-plural "*<u>vie</u> di fatto*", fir-raba' inciz tal-allura Artikolu 340 [illum 339(1)(d)]:

*"Coloro che usassero contro le persone vie di fatto, non prevedute altrove in queste leggi, tendenti ad ingiuriare, molestare o nuocere tali persone od altri";*

*"Whosoever shall against any person use any active force, not elsewhere provided for in these laws, tending to insult, annoy or hurt such person or others."*

Fl-edizzjoni tal-1942, l-espressjoni "*via di fatto*" u "*vie di fatto*", kemm ghal dak li jirrigwarda d-delitt ta' attakk u resistenza skond l-Artikolu 96 kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-kontravvenzjoni kontemplata fl-Artikolu 339(1)(d), inbidlet fil-kelma "*hebb*" u dan apparti bdil iehor fil-lokuzzjoni adoperata, anke fit-test ingliz tal-Artikolu 339(1)(d) fejn l-espressjoni "*use any active force*" inbidlet ghal "*attempts to use force*".

L-espressjoni "*vie di fatto*" kienet uzata hafna fil-kodicijiet tas-seklu li ghadda fejn si trattava ta' reati kontra ufficjali

pubblici jew kontra l-"*forza pubblika*", u kwazi nvarjabbilment din l-espressjoni kienet uzata flimkien mal-kelma "*violenza*", biex ghalhekk l-espressjoni shiha kienet taqra "*violenza o vie di fatto*". F'dan is-sens wiehed jista' jara, per ezempju, l-Artikolu 178 tal-***Codice delle Due Sicilie*** tal-1819; l-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Parma tal-1820; l-Artikolu 247 tal-Kodici tar-Renju ta' Sardinia tal-1859; u l-Artikolu 209 tal-Kodici Franciz tal-1810. Tqum ghalhekk il-kwistjoni ta' x'jammonta ghal "*vie di fatto*", cioe' ghal dak li fit-test malti hu migjub bil-kelma "*hebb*".

Il-gurista **Adelgiso Ravizza** jikkummenta hekk:

*"Nell'interpretazione delle accennate disposizioni si discuteva circa il significato delle parole "vie di fatto", ed esse apparivano troppo vaghe per potersene stabilire il preciso contenuto; di solito pero' le espressioni "violenze" e "vie di fatto" erano ritenute per sinonimi, e le vie di fatto erano escluse dalle disposizioni concernenti il reato di lesioni, tranne nel caso che per effetto di esse fossero derivate ferite, percosse od altre simili offese volontarie contro le persone. E nella dottrina era prevalso il sistema di denominare "vie di fatto" le lesioni senza conseguenze... via di fatto e' qualsiasi atto materiale, con cui si investe una persona, consiste, cioe', nel mettere le mani addosso ad una persona."*

U **Sir Anthony Mamo, fl-appunti tieghu**, jghid hekk:

*"With reference to the crime under discussion, however, it appears that both terms* ["violenza" and "vie di fatto"] *denote the use of <u>private force</u>, the difference being one merely of degree: every voie de fait degenerates into violence when it encounters the resistence of the person against whom it is used. The slightest use of force, however, when accompanying the attack or resistence is sufficient to constitute the material element of this crime. It has been held that for a man to lay his hands in a hostile manner (upon a public officer) is enough to constitute a voie de fait."* (Vide Appell Kriminali deciz nhar t-tlieta ta' Novembru 1954 fl-ismijiet Il-Pulizija v Giuseppe Debono et [op. cit. Ibid pagna 48] ).

Mill-gurisprudenza taghna kif ukoll mid-dottrina, din il-Qorti tikkonkludi li biex jissussisti r-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali irid ikun hemm, fost affarijiet ohra u bhala minimu, xi forma ta' forza illegittima diretta lejn, jew ezercitata fuq il-persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza illegittima tigi ezercitata irid ikun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalita', li jikkaguna xi hsara lill-persuna tal-ufficjal pubbliku, zghira kemm hi zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigi effettivament ikkagunata, u anke jekk l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara; hekk, per ezempju, jkun il-kaz ta' min semplicement jimbotta b'mod goff jew ostili lill-ufficjal pubbliku li jkun intimalu li ser jarrestah, jew ta' min jibda jithabat meta jkun f'idejn l-ufficjal pubbliku propju biex jehles minn idejh. Kif diga inghad, biex ikun hemm dan ir-reat l-agent irid ikun mhux biss attakka “*il fatto di prendere l'offensiva*" jew irresista “*il fatto di prendere la difensiva*" lill-ufficjal pubbliku, izda li tali attakk jew resistenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew b'hebb “*vie di fatto*”. Mhux bizzejjed, ghalhekk, attakk bil-kliem, anke jekk dak il-kliem ikun iebes, ingurjuz jew minatorju (tali kliem jista', naturalment, jammonta ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 95(1) tal-Kap. 9). Anqas ma hi bizzejjed, ghall-finijiet tal-Artikolu 96 imsemmi, is-semplici resistenza passiva (ez. li wiehed ma jiftahx il-bieb, jew li jintelaq ma' l-art), jew l-uzu ta' forza jew vjolenza applikata fuq, jew fil-konfront ta', oggett b'mod pero' li dik il-forza ma tkunx tista', direttament jew indirettament, tikkaguna xi hsara lill-ufficjal pubbliku (ez. wiehed jaghti bil-ponn fuq vettura biex ibezza' lill-ufficjal pubbliku, ghalkemm f'dan il-kaz jista' jikkonfigura reat iehor). Differenti hu l-kaz ta' min, biex jirresisti l-arrest, iwaddab xi oggetti fil-konfront tal-ufficjal pubbliku, ghax f'dak il-kaz, ghalkemm ma jkunx hemm kuntatt fiziku bejn l-agent u l-ufficjal pubbliku, ikun hemm forza illegittima li tkun qed tigi diretta lejn il-persuna u permezz ta' att li ghandu l-potenzjalita' li jikkaguna hsara lill-persuna.

Fil-kaz in dezamina din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa kollha d-depozizzjonijiet moghtija quddiemha, mhix

sodisfatta li jirizulta ppruvat sal-grad li trid l-ligi f'kawzi penali li l-imputat uza xi forza u wisq inqas vjolenza diretta lejn il-persuna ta' xi wiehed mill-ufficjali tal-pulizija li kienu qed jimpeduh milli jidhol fil-*paddock*.

Illi ghalhekk, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 95, 96, 338(ee) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ma ssibx lill-imputat CARMEL VELLA hati tal-akkuza li hebb kif kontemplata fl-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tilliberah minnha filwaqt li tiddikjara li ssibu hati tal-akkuzi l-ohra u tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' sittin lira maltin [LM60].**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------